



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Ottubru 2023
(OR. en, de)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0191(COD)

13940/23
ADD 2 REV 1

EF 297
ECOFIN 982
ENV 1096
SUSTDEV 126
CODEC 1800

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Il-Ġermanja tibqa' tal-fehma li l-enerġija nukleari mhijiex sostenibbli. Filwaqt li nirrikonoxxu li l-istandard Ewropew għall-bonds ekoloġiċi huwa marbut mar-Regolament dwar it-Tassonomija, ma nqisux l-inklużjoni tal-enerġija nukleari bħala adatt għall-finijiet tal-ħolqien ta' standard tad-deheb għall-bonds ekoloġiċi. Għalhekk, il-Ġermanja ma tistax tappoġġa l-qbil politiku dwar ir-Regolament dwar il-Bond Ekoloġiku Ewropew fl-intier tiegħu.

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

Aħna nappoġġaw miżuri li ser jgħinu biex ir-riżorsi finanzjarji jiġu diretti lejn is-sostenibbiltà. Għalhekk, l-Awstrija għandha wkoll fehma pożittiva dwar l-Istandard Ewropew għall-Bonds Ekoloġiċi. Madankollu, dejjem segwejna l-għan li nistabbilixxu tassonomija kredibbli u bbażata fuq ix-xjenza u nirrifjutaw li l-investimenti nukleari jistgħu jikkwalifikaw bħala attivitajiet ta' tranżizzjoni. Nilqgħu bi pjaċir l-obbligi ta' divulgazzjoni għal tali investimenti inklużi fit-test, minkejja li setgħu kienu aktar prominenti. Nirrispettaw bis-sħiħ is-sovranià nazzjonali kif ukoll id-dritt Ewropew u internazzjonali fir-rigward tal-politiki nazzjonali dwar l-enerġija, iżda l-klassifikazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi fil-kuntest tal-enerġija nukleari bħala sostenibbli titqies minna bħala greenwashing.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tittratta b'ħeffa kwalunkwe mandat potenzjali biex jiġu żviluppati annessi standardizzati għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni relatata mal-Ambjentali, is-Soċjali u l-Governanza (ESG) fil-Prospett tal-UE, filwaqt li titqies l-esperjenza bil-linji gwida volontarji mħejjija għall-bonds ekoloġiċi fir-Regolament dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej.